MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 36/2013

**Silvana Gandolfo Mazza**

**Vs**

**Arriva Malta Ltd.**

**It-Tribunal:-**

Ra l-avviz tat-talba prezentat fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu l-attrici tablet hlas ta’ danni sofferti minnha kawza ta’ incident li sehh fl-ewwel (1) ta’ Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) waqt li hi kienet riekba f’xarbank bin-numru BUS072, fejn minhabba negligenza tas-sewwieq u sewqan perikoluz, hi wegghat serjament. L-attrici tablet is-somma ta’ tlett elef erba’ mija u serbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06) f’danni. Bl-ispejjes kif indikat fl-avviz.

Il-kumpanija konvenuta eccepiet (1) il-privilegium fori ai termini ta’ l-artikolu 767 tal-Kap 12; (2) illi l-konvenuta mhix il-legittimu kontradittur; (3) illi bla pregudizzju il-kumpanija konvenuta jew l-impjegati taghha ma humiex resonsabbli ghal l-incident in kwistjoni (4) illi l-attrici trid taghti prova tad-danni subiti; Salvi eccezzjonijeit ulterjuri

Ra l-atti kollha.

Ra’ d-digrieti kollha tieghu nkluz dak ta’ l-1 ta’ Novembru 2013 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum, ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni.
Ikkunsidra.

Mill verbal ta’ l-1 ta’ Novembru 2013 kif ukoll mit-talba attrici, jirrizulta illi l-incident mertu tal-kawza sehh fil-gzira ta’ Malta; l-kumpanija konvenut hija registrata b’ufficcju fil-gzira ta’ Malta, il-maggor parti tax-xhieda jirressjedu Malta.

Is-sub-artikolu (4) ta’ l-Artikolu 3 tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar jistipula:-

“*It-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f’dak il-post jew f’dawk il-postijiet f’Malta u Ghawdex hekk kif il- Minsitru jista jistabilixxi b’ordni fil-Gazzetta u t-Tribunal ghandu, sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha*” .

Minn dan jemergi illi t-Tribunal ghandu jara li s-seduti tieghu ghandhom jinzammu, sa fejn ikun prattikabbli, fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha. Issa f’dan il-kaz, u mill-atti processwali jirrizulta li l-indirizz registrat tas-socjeta konvenuta huwa indikat fuq l-avviz bhala li jinsab f’Malta; l-maggor parti mix-xhieda jirrisjedu gewwa Malta; u l-kontestazzjoni tirrigwarda incident li sehh fil-gzira ta’ Malta.

Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet John u Rose konjugi Buhagiar vs Victor u Alfreda konjugi Cachia (App. Nru. 24/01/NA) deciza fil-11 ta' Lulju, 2002. Minn din is-sentenza jemergu s-segwenti punti:

i. Kien korrett it-Tribunal meta qal li l-Att numru V ta' l-1995 johloq Tribunal ghal Talbiet Zghar wiehed biss. Dan kuntrarjment ghal dak li nsibu fil-kaz tal-qrati inferjuri;

ii. Quddiem il-qrati ordinarji hija l-ligi stess li taghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari skond jekk joqghodx fil-Gzira ta' Malta jew Ghawdex. Hekk per ezempju, l-Artikolu 47(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tiddecidi pretenzjonijet kontra persuni li "joqghodu, jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja, f'parti tal-Gzira ta' Malta".

iii. Minn qari ta' l-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) ma jirrizulta li hemm l-ebda provvediment f'din il-ligi li jaghti beneficcju simili lill-konvenut, jew li jaghmel l-Artikoli fuq citati tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) applikabbli ghall-proceduri li jigu ntavolati quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. L-uniku haga li jistipula l-Kap. 380 huwa li t-Tribunal ghandu jzomm il- laqghat tieghu f'Malta u Ghawdex u "sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha" (Artikolu 3[4] tal-Att numru V ta' l-1995);

iv. Il-kliem "sa fejn ikun prattikabbli" (as far as practicable fit-Test Ingliz) huwa kliem cjar u jhalli l-kwistjoni fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

Sentenza aktar ricenti hija dik moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet Albert Xiberras et vs Mark Sammut (App. Civ. Nru. 48/10/RCP) deciza fis-17 ta' Novembru, 2011. Minn din is-sentenza jemergu s-segwenti punti:

i. Ghalkemm id-disposizzjonijiet tal-artikolu 741(c), (d), (e) u (f) u l-artikolu 767 tal-Kap. 12 ma japplikawx ghall-kaz de quo fis-sens li ma jezistix dak li jissejjah bhala privilegium fori li jista jigi nvokat mill-konvenut, minn naha l-ohra l-artikolu 3(4) tal-Kap. 380 jaghti l-fakolta lill-gudikatur sabiex jiddeciedi fejn jinstema l-kaz jekk hux Malta jew Ghawdex, b'dan li sa fejn ikun prattikabbli t-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu fejn il-persuna jkollha r-residenza ordinarja taghha.

ii. Illi dan jaghti certu ammont ta' diskrezzjoni f'tali determinazzjoni f'idejn it-Tribunal, izda tali diskrezzjoni ghandha tiehu in konsiderazzjoni r-residenza tal-konvenut, b'dan li fejn huwa prattikabbli s-smigh tal-kawza ghandu jigi determinat skond l-istess, hlief ghar-ragunijiet li jistghu jimmillitaw ghal dan, li ghandhom ikunu ragunijiet eccezzjonali, bhal meta per ezempju l-provi kollha huma fi gzira ohra, u dan certament jiddependi mill-fattispecie tal-kaz; izda ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel xelta u preferenza ghandha bhala regola tkun dejjem li s-sede fejn ghandha tinstema' l-kawza hija determinata fejn jirresjedi l-konvenut.

iii. Illi dan huwa l-apprezzament li jrid jaghmel l-istess Tribunal, li ghalkemm huwa liberu li jezercita tali diskrezzjoni, dejjem jibqa l-fatt li tali diskrezzjoni trid tigi ezercitata fit-termini tal-ligi, u dan fis-sens li ghandu jinghata fl-ewwel lok aditu ghal dak li tipprovdi l-istess b'mod li d-disposizzjonijiet tal-ligi ghandhom jinghataw sens u jigu applikati, u mhux resi bla ebda effett ta' xejn.

iv. Id-diskrezzjoni tat-Tribunal anke jekk tigi kkunsidrata fit-termini espressi fid-decizjoni John Portelli et vs Victor Cachia (AIC (NA) – 11 ta' Lulju, 2002) ma hijiex assoluta u lanqas ghandha tkun arbitrarja b'mod li tmur kontra l-ligi, izda ghandha tigi ezercitata biss u unikament fil-parametri tal-ligi. Altrimenti jkun ifisser, ... li tali disposizzjoni tal-ligi ma tigi tfisser xejn, u certament dan ma jistax isir jew jithalla jsir fl-ordinament guridiku nostrali.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi dan it-Tribunal iqis illi ghalkemm l-ewwel eccezzjoni kif formulta cioe fuq il-bazi tal-privilegium fori fit-termini tal-Kap 12 mhix korretta, jidher illi dan huwa kaz fejn ma l-ispirtu tal-ligi u anke fid-dawl ta' l-oggezzjoni sollevata mill-kumpanija konvenuta ma ghandux jinstema fis-sede tat-Tribunal f'Ghawdex izda fis-sede ta' Malta.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal, jilqa l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta kontenuta fir-risposta taghha, fis-sens illi filwaqt illi qed jieqaf minn li jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz fis-sede odjerna, qieghed jibghat l-atti ta' dan il-kaz lir-Registratur tieghu sabiex a spejjez ta' l-attrici, din il-kawza tigi assenjata u appuntata ghas-smiegh quddiem dan it-Tribunal diversament ppresedut gewwa l-gzira ta' Malta. Spejjes ta' din is-sentenza a karigu ta' l-attrici.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------